MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tat-18 ta' Jannar, 2012

Citazzjoni Numru. 983/2006

**Association of Car Importers Malta; Gasan Enterprises Limited C 457; Gasan Automotive Distributors Ltd., C3897; U.C.I.M.Co. Limited, C 34235; Meridian Enterprises Limited, C3988; Frank Borda Limited, C446; Associated Motors Co. Limited, C 720; Mira Motors Limited, C 3303; Nissan Motors Limited, C 2387; Continental Cars Limited, C 2840; United Automobiles Limited, C 5845; Muscat Motors Limited , C 420; Industrial Motors Limited, C 417; Auto Sales (Mer) Limited, C 32783; Auto Sales (Ren) Limited, C 7635; Michael Attard Imports Limited, C 34433; Michael Attard Distributors Ltd., C 32362; Micard Limited, C 7841; Rohan Motors Limited, C 1842; Michael Debono Limited, C 10002, Easysell Kia Malta Limited, C 9778; u Liaco Limited C 9805**

**vs**

**Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta;**
**Awtorita' Maltija dwar l-Istandards;**

**Ministru ghall-Izvilupp Urban u Toroq;**
**Ministru ghall-Kompetittivita' u Komunikazzjoni;**
**Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar;**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' William Shaw, ghan-nom u in rapprezentanza tal-Association of Car Importers Malta (ACIM), fejn dan, wara li ppremetta illi:

Is-suq Ewropew tal-vetturi huwa regolat minn diversi direttivi u regolamenti Ewropej, fosthom id-direttivi Ewropej 70/156/EEC (*on the approximation of the laws of the Member States relating to the type-approval of motor vehicles and their trailers*) u 2000/53/EC (*On End-of-life vehicles*) kif sussegwentement emendati, liema direttivi gew trasposti, kwazi verbatim, fil-ligi Malti permezz tal-Avvizi Legali 95/2002 u 99/2004 rispettivament;

Din il-legislazzjoni timponi diversi standards, strettissimi, bl-ghan li jipprotegu l-ambjent u s-sahha umana fl-Unjoni Ewropea kollha, inkluza Malta;

L-awtoritajiet intimati ma humiex qeghdin jimplimentaw din il-legislazzjoni b'mod ekwu u senjatament is-su esposti avvizi legali u direttivi Ewropej;

Fil-fatt, l-awtoritajiet intimati ghandhom il-prassi li biex vetturi godda jigu impurtati, l-awtoritajiet jirrikjedu '*Certificate of Conformity*' u b'hekk jimponu l-istandards Ewropej fuq il-vetturi; waqt li xejn ma hu rikjest minn **vetturi uzati** ghajr li jgibu *Single Vehicle Authorisation* (SVA) liema SVA hija moghtija minn socjeta' kummercjali Ingliza, fil-Gappun fuq *standards* li qatt ma gew pubblikati f'Malta;

Is-*Certificate of Conformity* hija rikjesta mil-ligi Ewropea, anke kif trasposta f'Malta, ghal kull vettura li tidhol fis-suq Ewropew, ghajr f'kazijiet eccezzjonali. Dana peress li tali certifikat jassigura li l-vettura hija pjenament konformi mar-rekwiziti tad-direttiva. Dawn ic-certifikati huma

mahrugin mill-manifattur b'mod li ma jistghux ikunu falsifikati. F'kazijiet eccezzjonali huwa permess mid-direttivi u anke mill-Avviz Legali 95/2002 li vettura ggib *Single Vehicle Authorisation* biss u dana biex bhala rimedju straordinarju u qatt ghall-vetturi manifatturati f'serje u impurtati kummercjalment;

Kif kienu ammettew l-awtoritajiet intimati, din *Single Vehicle Authorisation* hija totalment differenti minn dik prospettata fl-Avviz Legali 95/2002, u fil-fatt, l-Awtorizazzjoni li tinghata mill-Awtoritajiet intimati jew min minnhom ma ghandha l-ebda bazi fil-ligi Maltija;

Kif kien anke gie ammess mill-Ministeru ghall-Izvilupp Urban u Toroq, l-Avviz Legali 99/2004 japplika ghal kwalunkwe vettura li tidhol fis-suq Malti; liema Avviz Legali fil-fatt jimponi standards ta' kostruzzjoni ta' vetturi li jistghu jigu garantiti biss permezz ta' *Certificate of Conformity*;

Minkejja dan kollu u diversi interpellanzi, inkluz protest formali, l-istess awtoritajiet baqghu ma japplikawx dawn il-ligijiet billi gratwitament u minghajr ebda bazi ezoneraw kull vettura impurtata kummercjalment bhala vettura uzata, mill-obbligu ta' adempjenza mal-istess regolamenti; tant li fil-fatt, l-istess Awtoritajiet dahlu f'prassi li jaghtu Awtorizazzjoni ghad-dhul bhala Single Vehicle lil kull vettura uzata impurtata f'Malta, u dan meta l-istess Awtoritajiet qatt ma ddikjaraw formalment x'kienu l-istandards rikjesti mill-vetturi sabiex jinghataw *Single Vehicle Authorisation*;

Dan l-agir illegali u diskriminatorju kontra l-kummercjanti ta' vetturi impurtati godda johloq 'market distortion' kbir li kkawza u qed jikkawza danni enormi, inkluz nuqqas ta' bejgh u spejjez zejda, kemm lill-kumpaniji importaturi, u kif ukoll dawk distributuri, u cioe' lill-mittenti kollha;

Jidher li fil-fatt, issa, nofs il-vetturi impurtati li nbieghu kienu 'uzati'. Sitwazzjoni dina li ilha ghaddejja ghal dawn l-ahhar sentejn, u li tfisser li fil-fatt is-suq tal-karozzi godda naqset bin-nofs, waqt li fl-istess hin, ir-regolamenti imposti

fuq ir-rikorrenti biss ikabbru l-ispejjez taghhom b'mod esagerat.

Inoltre l-ammont ta' vetturi uzati impurtati ifisser ukoll li ghalkemm l-Avviz Legali 95/2002 jaghmel eccezzjoni tar-regoli ghall-'Approval of Single Vehicles', dina l-eccezzjoni ma tistax tapplika fejn vetturi huma impurtati en masse. U ghalhekk, l-iskop tal-istess ligijiet, u senjatament biex jipprotegi l-hajja tac-cittadini Maltin u l-ambjent Malti, qieghed jingieb fix-xejn;

L-Awtorita' dwar l-Ambjent u l-Ippjanar ghandha l-mansjoni li tapplika l-istandards u regolamenti imposti mill-Avviz Legali 99/2004 (End of Life Vehicles). Illi ghalkemm dawn ir-regolamenti qed jigu applikati kontra l-impurtaturi ta' vetturi godda, qieghda tonqos li tapplika l-istess regolamenti ghall-impurtaturi ta' vetturi uzati;

L-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta ma hijiex qed timponi l-obbligu li vetturi uzati impurtati go Malta jkollhom *certificate of conformity*. U minflok qieghda taghti *Single Vehicle Authorisation*, liema Awtorizazzjoni huwa moghti wara li jsir *emissions testing* biss, meta fil-fatt, ir-regolamenti jirrikjedu hafna iktar mill-vetturi godda fuq is-suq minn dan. In oltre, issir referenza ghar-risposta tal-Awtorita' fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni Nru. 601/06 fejn iddikjarat li l-istandards imposti taht is-*Single Vehicle Authorisation* jinsabu pubblikati: fuq sit tal-Gvern Ingliz, fil-lingwa Ingliza kif ukoll f'lingwa Asjatika, u li ghalhekk, dawn l-Istandards ma humiex pubblikati f'Malta;

Dan jammonta ghall-abdikazzjoni mill-poteri tal-awtoritajiet intimati u per di piu' qed iwassal biex l-istandards kontrarji ghal dawk rikjesti mil-Ligi Ewropea li qed johloq diskrepanza enormi bejn iz-zewg standards uzati. Liema diskrepanza tohloq *distortion* fis-suq;

Awtorita' Maltija dwar l-Istandards hija t-*Type Approval Authority* u ghalhekk ghandha l-mansjoni regolattiva u konsultattiva ghar-rigward l-impozizzjoni ta' dan l-istandard. Il-pozizzjoni tal-Awtorita' li l-**Avviz Legali 95/2002** japplika biss ghall-vetturi godda huwa zbaljat u

diskriminatorju kontra d-drittijiet tal-mittenti. Bhala regolatrici tal-istess standards, l-interpretazzjoni zbaljata taghha tal-ligi rilevanti qed iwassal ghall-applikazzjoni hazin tal-Avviz Legali mill-Awtoritajiet Intimati l-ohra.

<u>L-Onorevoli Ministru ghall-Izvilupp Urban u Toroq u l-Onorevoli Ministru ghall-Kompetittivita' u Komunikazzjoni</u> huma ukoll responsabbli peress li ma huma responsabbli ghall-agir tal-Awtoritajiet intimati fir-rigward tal-applikazzjoni tal-Avviz Legali su esposti.

Talbu l-intimati jghidu ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

Tiddikjara li l-intimati jew min minnhom ma humiex qeghdin jimplimentaw l-avvizi legali 95/2002 u 99/2004 u d-direttivi Ewropej 70/156/EEC u 2000/53/EC kif sussegwentement emendati b'mod ekwu u skond il-ligi Maltija;

Tiddikjara illi s-*Single Vehicle Authorisation* prezentement moghtija mill-intimati jew min minnhom lill-vetturi uzati impurtati kummercjalment hija irrita u nulla billi ma hix awtorizzata fil-ligi u qieghda tinghata wara li l-istess awtoritajiet intimati jew min minnhom abdikaw mill-poter taghhom f'dan ir-rigward u ghalhekk u dan a tenur tal-artikolu 469A tal-Kapitolu 12;

Tiddikjara in oltre illi kull decizjoni biex tinghata awtorizazzjoni ghad-dhul fis-suq Malti ta' vetturi uzati impurtati kummercjalment minghajr ma jilhqu r-rekwiziti tal-istess ligijiet su esposti u li jkollhom is-*Single Vehicle Authorisation* su esposta irriti u nulli billi ultra vires il-poteri tal-istess awtorita' intimata jew min minnhom; u/jew jivvjolaw id-dettami ta' gustizzja naturali; u/jew jipprospetta abbuz ta' poter mill-awtoritajiet intimati u/jew huma mod iehor manifestament kontra l-ligi kif hawn fuq imfisser u dan a tenur tal-artikolu 469A tal-Kapitolu 12;

Tiddikjara in oltre li *Single Vehicle Authorisation* fuq esposta qieghed jinghata b'mod diskriminatorju kontra d-drittijiet tas-socjetajiet rikorrenti u liema diskriminazzjoni

qed johloq *market distortion* ghad-dannu tal-istess rikorrenti;

Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom sabiex immedjatament u minghajr dewmien jannullaw u jirrexindu kull decizjoni u Awtorizazzjoni minnhom moghtija b'vjolazzjoni tal-ligijiet su esposti;

Tikkundanna lill-intimati jieqfu milli immedjatament u minghajr ebda dewmien jieqfu jaghtu s-*Single Vehicle Authorisation* u Awtorizazzjoni ghad-dhul fis-suq Malti ta' vetturi uzati impurtati kummercjalment kif fuq deskritt b'vjolazzjoni tal-ligijiet su esposti;

Tiddikjara l-intimati jew min minnhom responsabbli ghad-danni li ser isoffru l-atturi b'rizultat tal-fuq premess, salv likwidazzjoni permezz ta' kawza ulterjuri.

B'rizerva ghal kull azzjoni ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni u bl-ingunzjoni in subizzjoni kontra l-awtoritajiet intimati;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali ta' Gunju 2006, u tal-protest gudizzjarju ta' Frar 2006.

Rat ir-risposta tal-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta, li in forza taghha eccepiet illi:

Preliminarjament, l-Awtorita' m'hiex l-awtorita' responsabbli ghall-promulgazzjoni tal-Avvizi Legali 99/2004 u ghall-implimentazzjoni tal-istess Avvizi Legali u cioe' l-*End of life vehicles*.

L-Awtorita' hija responsabbli biss ghall-implimentazzjoni tal-istandards stabbiliti fl-Avvizi Legali 95/2002.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ewwel talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante illi l-Awtorita' dwar it-Trasport qeghda timplimenta l-istandards rikjesti u stabbiliti fl-Avviz Legali 95/2002 kif emendat.

Ghaldaqstant, isegwi illi t-type approval stabbilit fid-Direttiva 70/156/KEE kif promulgat bl-Avviz Legali 95/2002 qieghed jigi implementat f'pajjizna permezz tal-Awtorita' dwar it-Trasport fuq vetturi godda fis-suq kif previst fl-istess Direttiva u Avviz Legali.

L-allegazzjoni attrici illi 's-*Single Vehicle Authorisation moghtija fuq vetturi uzati impurtati kummercjalment f'Malta hija irrita u nulla*' hija allegazzjoni infondata sia fid-dritt u fil-fatt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante illi l-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta hadet hsieb li tintroduci testijiet specifici li jipprotegu l-ambjent u s-sahha, ghall-vetturi uzati li jidhlu Malta u dan permezz ta' regolament 7(3)(vi) u (vii) tal-Avviz Legali 476/2004 kif emendat permezz tal-Avviz Legali 48/2005.

Vetturi uzati impurtati f'Malta huma ezaminati u ccertifikati a bazi ta' testijiet apposta ghall-vetturi uzati u ghaldaqstant, l-Awtorita' dwar it-Trasport, bl-ebda mod ma qed tabdika mill-poteri f'dan ir-rigward.

L-allegazzjoni illi Single Vehicle Authoristaion qieghed jinghata b'mod diskriminatorju hija infondata u ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante illi hija l-ligi stess li tohloq id-distinzjoni bejn iz-zewg kategoriji ta' vetturi godda fuq is-suq u vetturi uzati u ghaldaqstant, l-Awtorita' dwar it-Trasport m'ghandhiex ghazla ohra hlief li timplimenta l-istrumenti legislattivi fis-sehh li huma derivati mid-Direttivi tal-Unjoni Ewropea.

Sussegwentement, il-hames u s-sitt talba ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi l-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta qed issegwi legislazzjoni li hija fis-sehh.

Ghaldaqstant, isegwi illi s-sebgha talba ghar-responsabilita' ta' danni ghandha tigi michuda.

Bl-ispejjez inkluz dawk tar-risposta fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni 601/2006 GCD.

Rat ir-risposta tal-Awtorita' Maltija dwar l-Istandards, li permezz taghha eccepiet illi:

Preliminarjament, l-Awtorita' esponenti m'hiex il-legittima kontradittrici ghat-talbiet tal-atturi f'dak illi jirrigwarda l-**Avviz Legali 99/2004** u dan stante illi l-Awtorita' esponenti m'hiex l-Awtorita' responsabbli u kompetenti ghall-promulgazzjoni u l-implimentazzjoni tal-imsemmi Avviz Legali, u ghaldaqstant, l-ewwel talba tar-rikorrenti, sa fejn din tirrigwarda l-applikazzjoni tal-Avviz Legali 99/2004, u seba' talba, f'dak illi jirrigwarda danni kagunati mill-applikazzjoni o meno tal-Avviz Legali in kwistjoni, ghandhom jigu michuda bl-ispejjez u dan ghar-raguni premessa;

Preliminarjament u minghajr pregudizzju, l-Awtorita' esponenti m'hiex il-legittima kontradittrici ghat-talbiet tal-atturi f'dak illi ghandu x'jaqsam mas-*Single Vehicle Authorisation* u dan stante illi abbazi tal-**Ewwel Skeda tal-Avviz Legali 213/2000**, l-Awtorita' esponenti hija inkarigata illi tittrasponi, *inter alia*, il-legislazzjoni Ewropea, inkluzi d-Direttivi Ewropej kollha illi jirregolaw il-qasam tat-*type approval* tal-vetturi u ghaldaqstant, m'hija involuta fl-ebda stadju fil-process tas-*Single Vehicle Authorisation* u konsegwentement, it-talbiet kollha tar-rikorrenti f'dan ir-rigward, u senjatament, it-tieni, it-tielet, ir-raba', il-hames, is-sitt talba ghandhom jigu michuda bl-ispejjez, filwaqt illi s-seba' talba ghandha tigi michuda bl-ispejjez f'dak illi jirrigwarda danni kagunati mill-process tas-*Single Vehicle Authorisation*;

L-esponenti, riverentement, tiddikjara illi, in oltre, hija t-*type approval authority* a tenur tar-**Regolament 1.2 tal-Avviz Legali 95/2002** u cioe' ghandha l-inkarigu illi taghti t-*type approval* lill-manifatturi tal-vetturi illi jitolbu dan it-*type approval* a tenur tal-istess Avviz Legali, jekk il-kundizzjonijiet preskritti fl-istess Avviz Legali jigu sodisfatti mill-istess manifattur;

Kuntrarju ghal dak illi qieghed jinghad mir-rikorrenti, u cioe' illi l-esponenti qeghda tadotta pozizzjoni hazina meta tghid illi l-Avviz Legali 95/2002 japplika biss ghall-vetturi godda, liema pozizzjoni, dejjem skond l-atturi, hija zbaljata u diskriminatorja, l-Awtorita' riverentement tirrileva illi hija

qeghda tapplika r-Regolament b’mod gust u korrett. Illi, kif diga’ kellha okkazjoni, tispjega fir-risposta prezentata fl-atti tal-mandat ta’ inibizzjoni bin-numru 601/2006/GCD, dan l-Avviz Legali **min-natura tieghu** japplika biss ghall-vetturi godda, pozizzjoni u interpretazzjoni illi sabu l-komfort taghhom fir-relazzjoni tal-Perit Legali Dr. Aaron Mifsud Bonnici (data 31 ta’ Mejju 2006), kif ukoll fil-kliem tal-Avviz Legali in kwistjoni innifsu, tant illi l-istess Avviz Legali jispecifika illi *type approval* ghandu jinkiseb mill-manifattur **qabel** ma l-vettura tibda tinhadem u, ghaldaqstant, l-ewwel u s-seba’ talbiet tal-atturi ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet kollha premessi, it-talbiet kollha tar-rikorrenti, fil-konfront tal-esponenti, ghandhom jigu michuda.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tar-risposta fl-atti tal-mandat ta’ inibizzjoni bin-numru 601/2006/GCD kontra r-rikorrenti illi minn issa huma ingunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-Ministru ghall-Izvilupp Urban u Toroq u tal-Ministru ghall-Kompetittivita’ u Komunikazzjoni, li in forza taghha eccepew illi:

Id-Direttivi tal-Unjoni Ewropea 70/156/EEC u 2000/53/EEC citati mir-rikorrenti, imkien ma jipprojbixxu l-importazzjoni ta’ vetturi uzati minn barra l-Unjoni Ewropea.

Ma jsegwix illi l-vetturi uzati ghandhom jigu approssimati mal-vetturi l-godda u tali vetturi huwa logiku li jigu approssimati ma’ vetturi ohra uzati li diga’ hawn fis-suq lokali u li l-hajja li fadlilhom hija simili ghal dik ta’ dawk il-vetturi l-ohra uzati li diga’ hemm fis-suq.

Dak espost fil-paragrafu precedenti jiehu piz specjali u uniku meta wiehed iqis illi fil-qasam tal-vetturi, ir-regolamenti jharsu lejn il-futur u ma huwiex possibli illi l-mizuri f’dan il-qasam, li jirraprezentaw ukoll spejjez ingenti ghall-familji, jiddahhlu f’daqqa.

Ghalhekk ma hemm xejn inekwu jew abbuziv fil-fatt illi vetturi godda li ghandhom aspettattiva ta' uzu hafna itwal minn dik ta' vetturi uzati u minhabba f'hekk ghandhom jigu regolati differentement minn kif jigu regolati l-vetturi uzati li ghandhom aspettattiva ta' uzu inqas twila.

Is-suq tal-vetturi uzati huwa suq distint mis-suq tal-vetturi l-godda u ma hemm xejn fir-regolamenti citati mir-rikorrenti li jaghti dritt lill-importaturi tal-vetturi godda jaghlqu s-suq tal-vetturi uzati ghall-importazzjoni.

In kwantu dwar dak li qed jigi allegat fir-rigward ta' kompetizzjoni ingusta, il-pretensjoni tar-rikorrenti taqa' fil-kompetenza tal-awtoritajiet dwar il-Kompetizzjoni u mhux fil-kompetenza ta' din l-Onorabbli Qorti.

L-Awtoritajiet kompetenti ghandhom kull dritt illi johorgu 'Single Vehicle Authorisations' ghall-vetturi uzati u ma hemm xejn illi jipprojbixxi l-hrug ta' tali awtorizazzjonijiet fir-rigward ta' vetturi li jkunu l-oggett ta' transazzjonijiet kummercjali.

Ma hemm ebda bazi ghall-pretensjoni tar-rikorrenti li huma qeghdin isoffru 'danni' fis-sens legali, bl-opertat tas-suq tal-vetturi uzati.

Rat ir-risposta tal-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, li permezz taghha eccepiet illi:

Preliminarjament, l-Awtorita' esponenti ma hijiex il-legittimu kontradittur ghat-talbiet attrici f'dawn il-proceduri kif ser jigi muri fil-provi;

Fil-mertu, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, dan ir-rikors guramentat sar in konsegwenza ta' mandat ta' inibizzjoni li gie michud minn din il-Qorti diversament presjeduta permezz ta' digriet numru 601/06 GCD, liema atti huma mehtiega li jkunu allaccjati ma' dawn il-proceduri;

Ir-rikorrenti odjerni jridu jippruvaw il-"locus standi" u l-interess guridiku taghhom f'dawn il-proceduri;

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-allegazzjoni tar-rikorrenti illi l-Avviz Legali 99/2004 qieghed jigi applikat fil-konfront ta’ xi tip ta’ vetturi u mhux fil-konfront ta’ tip iehor ta’ vetturi hija allegazzjoni frivola u vessatorja u infondata fil-fatt u fid-dritt u ghaldaqstant bla ghandha tigi michuda;

Oltre dan, kif jirrizulta mis-suespost u kif ser jigi ppruvat, l-Awtorita’ esponenti qdiet u qed taqdi l-obbligi kollha u uzat il-poteri taghha skond il-ligi;

Ghaldaqstant, u konsegwentement, ir-rikorrenti jridu jippruvaw id-danni li allegatament soffrew minhabba l-agir tal-Awtorita’ esponenti.

Ghaldaqstant, in vista tal-premess, it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet ix-xhieda.

Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet imressqa mill-partijiet.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

<u>Fatti</u>

Ir-rikorrenti huma importaturi ta’ vetturi godda. L-importazzjoni ta’ tali vetturi hija strettament regolata b’zewg avvizi legali, wiehed Nru. 95 tas-sena 2002 u l-iehor Nru. 99 tas-sena 2004. Dawn iz-zewg strumenti legali inkorporaw fl-ordinament guridiku Malti d-Direttivi tal-Unjoni Ewropea Nru. 70/156 u 2000/53 rispettivament. Jirrizulta illi f’Malta jigu importati u registrati ukoll vetturi uzati li ghalihom m’humiex qed jigu applikati l-kundizzjonijiet strettissimi taz-zewg avvizi legali fuq imsemmija. Dan qed ikun ta’ hsara ghan-negozju tar-rikorrenti li naqas drastikament meta bdiet tithalla l-

importazzjoni tal-vetturi uzati. Dawn tal-ahhar jigu mhollija jidhlu f'Malta in forza ta' "Single Vehicle Authorisation", fuq certifikazzjoni li tinhareg minn socjeta' kummercjali Ingliza u li tigi accettata mill-awtoritajiet Maltin, dan skond tenur tad-Direttiva Ewropea 96/96 dwar "Roadworthiness". F'dan ix-xenarju, ir-rikorrenti qed jilmentaw illi l-avvizi legali u direttivi fuq imsemmija m'humiex jigu applikati b'mod ekwu u gust; is-sistema tal-awtorizazzjoni ghall-importazzjoni ta' vetturi uzati hija nulla a tenur tal-Art. 169A tal-Kap. 12. Qed jitolbu ukoll dikjarazzjoni ta' htija ghad-danni li qed jigu kawzati lilhom.

Eccezzjonijiet Preliminari

L-Awtorita' dwar it-Trasport tilqa' ghall-kawza l-ewwelnett billi tiddikjara illi hija m'ghandha x'taqsam xejn mal-implimentazzjoni tal-Avviz Legali 99/04 izda biss mal-implimentazzjoni tal-Avviz Legali 95/2002. Jirrizulta illi l-Avviz Legali 99/2004 gie promulgat in forza tal-Kap. 435 tal-Ligijiet ta' Malta li huwa l-Att dwar il-Harsien tal-Ambjent (illum dawn ir-regolamenti gew trasposti ghall-Kap. 504, li huwa Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Izvilupp). Dawn ir-regolamenti (illum 504.62) jirrigwardaw unikament l-Immaniggjar ta' Skart (Vetturi fi Tmiem Zmienhom). Ma jikkoncernaw bl-ebda mod l-Awtorita' dwar it-Trasport. L-Awtorita' kompetenti ghall-implementar tar-regolamenti msemmija hija l-Awtorita' dwar l-Ambjent u l-Ippjanar. Tenut kont l-ghan tal-istess, u cioe' l-kontroll tal-iskart ta' vetturi qodma u komponenti taghhom, din il-Qorti tqis li tenut kont tan-natura tal-avviz legali de quo, dan l-argument iregi. Dan qed jinghad bhala li jghodd ukoll ghall-istess eccezzjoni mressqa mill-Awtorita' Maltija dwar l-Istandards li timplimenta biss l-Avviz Legali 95/2002 u cioe' bhala "type approval authority", skond l-istess avviz legali 95/2002. Madanakollu, ma jistghux b'hekk jinhallu mill-osservanza tal-gudizzju interament u, ghalhekk, l-eccezzjoni qed tigi michuda.

Il-Ministri intimati, it-tnejn jeccepixxu illi galadarba l-ilment tar-rikorrenti essenzjalment jinvolvi nuqqas fl-implimentazzjoni ta' ligijiet huma m'humiex legittimi kontradittur ghat-talbiet tal-istess rikorrenti. Minbarra l-Art.

181B tal-Kap. 12 li ghalih din il-Qorti taghmel referenza, u li jipprovdi illi:

"*181B. (1) Il-Gvern ghandu jkun rapprezentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni.*"

L-Avvizi Legali materja ta' din il-kawza huma t-tnejn li jaqghu fil-kompetenzi ta' awtoritajiet specifici u li minnhom l-istess awtoritajiet jiehdu l-kompetenza taghhom. Huma l-istess awtoritajiet li ghandhom jirrispondu ghat-talbiet u ghaldaqstant, il-Qorti tqis bhala misthoqqa l-eccezzjoni taz-zewg Ministri li ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

L-Awtorita' Maltija ghall-Ambjent u l-Ippjanar ukoll tecepixxi illi f'din il-kawza m'hijiex il-legittimi kontradittur. Din l-eccezzjoni, fil-fehma tal-Qorti ma tiswiex ghaliex, kif intqal aktar 'il fuq, skond l-avviz legali 99/2004 li jirrigwarda vetturi u komponenti taghhom meta dawn isiru skart, hija l-istess Awtorita' li hija kompetenti. Ghalhekk, galadarba l-ilment tar-rikorrenti jinkludi ukoll l-implimentar tal-istess regolamenti li taghhom hi responsabbli l-Awtorita' tal-Ambjent u l-Ippjanar, din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

<u>Mertu</u>

Il-Qorti tibda biex tirribadixxi l-principju ben stabbilit illi l-iskrutinju taghha huwa essenzjalment limitat ghall-kawzali esposti fir-rikors promotur. L-indagini taghha ma tistax tmur oltre mill-parametri tal-kawza kif iddelineati fl-istess rikors.

L-ilment tar-rikorrenti jikkoncerna, l-ewwelnett, zewg avvizi legali li, kif intqal aktar 'il fuq, inkorporaw fil-ligijiet ta' Malta, zewg direttivi tal-Unjoni Ewropea. L-ewwel minn dawn huwa l-Avviz Legali 95/2002, imsejha Motor Vehicles (EC Type Approval Regulations [2002]).

L-imsemmi Avviz Legali jistabilixxi zewg kuncetti separati: "type approval" u "certificate of conformity". Dawn iz-zewg

kuncetti gew spjegati fix-xhieda ta' Ing. Anthony Camilleri, Kap Ezekuttiv tal-Awtorita' Maltija dwar l-Istandards:

"*Fir-rigward tat-type approval, nispjega li l-**Artikli 4.1 et seq. (sal-Artiklu 6.6) tal-Avviz Legali 95/2002**, iwaqqfu s-sistema tat-type approval. It-type approval huwa tip ta' approvazzjoni illi kwalunkwe manifattur irid jikseb **qabel** ma jibda jahdem vettura. Allura, jekk manifattur ikun irid jibda jimmanifattura vetturi godda, irid qabel xejn, wara illi jlesti d-disinn tal-vettura, japplika ghand type approval authority sabiex jikseb dan it-type approval u dan qabel tibda l-produzzjoni tal-vettura fil-linja tal-produzzjoni. Dan it-type approval fil-fatt huwa approvazzjoni mill-awtorita' kompetenti ta' kull Stat Membru tal-Unjoni Ewropea illi permezz taghha, l-istess awtorita' kompetenti tkun qieghda tiddikjara illi dik il-vettura, kif disinjata, tikkonferma mal-istandards kollha vigenti u applikabbli.*

*Illi fir-rigward tas-**certificate of conformity** nghid dan ic-certifikat jaghmlu l-manifattur stess u dan a tenur tal-Artiklu 7.1 tal-Avviz Legali 95/2002. Fil-fatt, nispjega illi l-manifattur ghandu l-obbligu illi ma' kull vettura, hekk kif ikun ser idahhal fis-suq vettura gdida, huwa jkun irid jaghmel ic-certifikat ta' konformita' sabiex jiddikjara illi l-vetturi manifatturati minnu huma konformi mat-type approval illi jkun inghatalu minn type approval authority a tenur tal-artikli 4.1 et seq tal-Avviz Legali 95/2002, kif diga' spjegajt.*"

Ezami tal-istess regolamenti jwassal lill-Qorti ghall-fehma li hija n-natura tal-istess regolamenti li tirrendihom applikabbli biss ghall-vetturi godda. Jirregolaw il-procedura li permezz taghha tigi approvata "type of vehicle, system; component or separate technical unit" (Art. 3).

Huma regolamenti li jindirizzaw essenzjalment id-disinn u l-manifattura tal-vetturi. L-obbligi imposti minnhom huma imposti fuq il-fabbrikant u r-rapprezentant tieghu u, ghalhekk, procedura totalment estranea ghall-importazzjoni ta' vetturi uzati. Id-Direttiva nnifisha, li hija gherq kollu tar-regolamenti, hija interpretata

f'komunikazzjoni tal-kummissjoni, esebita in atti a fol. 270, fejn f'paragrafu 3.3.2 jinghad illi:

"*3.3.2 National Approval*

*Under current Community law, the following categories of motor vehicles are not EC type-approved:*

- *Commercial vehicles (buses, coaches, vans and trucks) and trailers;*

- *Vehicles built in small series;*

- *Vehicles approved on an individual basis.*

*A new motor vehicle that is not EC type-approved can be subject to national approval in the receiving Member state, before it can be registered. The national approval will result in a national certificate of conformity that will serve, among other purposes, for registering the motor vehicle.*

*National approval may either be national type-approval or national individual approval:*

- ***National type-approval** and national small series-type approval are intended to ensure compliance of the vehicle type with the applicable national technical requirements. It results in a national type-conformity certificate issued by the manufacturer, in which he confirms that the specific vehicle was manufactured in conformity with the approved vehicle type.*

- ***National individual approval** concerns the certification of compliance of a particular vehicle (whether unique or not) with the relevant national requirements. This procedure applies in particular to vehicles imported individually from third countries and which do not comply with European type-approval requirements, as well as to unique vehicles.*

*National type-approval and individual approval procedures for motor vehicles to be used or registered for the first time in the EU normally fall outside the scope of EC law.*"

L-Avviz Legali 99/2004 jirrigwarda l-immaniggjar tal-iskart meta vettura ma tibqax tintuza. Il-mod kif hija generalment infurzata, skond dawn ir-regolamenti hija essenzjalment b'relazzjoni mas-"certificate of conformity" li jkun inhareg.

F'dan il-kuntest, ma ngabet ebda prova illi r-regolament qed jigi applikat b'mod diskriminatorju. Kull ma jsostni William Shaw fil-kuntest tal-Art. 4(2) tal-imsemmi regolament hu li kien hemm zmien meta wahda mill-vetturi li kienet qed tigi impurtata f'Malta ma kinitx konformi mal-istess provvediment. L-ittra mibghuta minn Toyota Europe (in risposta ta' ittra mhux esebita) tikkonferma biss li l-vetturi imsemmija jissodisfaw ir-regolament de quo. Ma twassal ghall-ebda konkluzjoni ohra.

Imbaghad, fix-xhieda tieghu, Kevin Mercieca, Waste Management Team Manager fi hdan l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, qal hekk:

"*F'Malta ghad m'hawnx impjanti licenzjati jew li ghandhom il-permessi mehtiega sabiex joperaw facilita' bhala authorised facility skond il-provvedimenti tal-istess Regolamenti, minkejja illi attwalment il-MEPA qieghda tipprocessa numru ta' applikazzjonijiet f'dan is-sens. Ghaldaqstant, sakemm ikun hawn tali impjanti hekk licenzjati, il-MEPA m'hijiex qieghda timponi l-obbligi tal-istess Regolamenti fuq l-ebda importatur tal-vetturi, irrispettivament jekk tali vettura tkunx dahlet gewwa Malta bhala gdida jew second hand.*"

Din ix-xhieda ma giet kontradetta bl-ebda mod u ghalhekk, il-Qorti tqis li, ghar-rigward ta' dan ir-regolament ukoll, it-Talba tar-rikorrenti m'hijiex misthoqqa.

<u>Single Vehicle Authorisation</u>

Ir-rikorrenti jilmentaw ukoll fuq il-mod kif tinhareg is-"single vehicle authorisation". Isostnu illi l-awtoritajiet de quo jew

min minnhom qed jagixxu f'dan il-kuntest b'mod invalidu skond il-kriterji stabbiliti fl-Art. 469A tal-Kap. 12 li jipprovdi ghall-istharrig ta' ghemil amministrattiv fis-segwenti kazijiet:

F'dan l-ezercizzju jinhtieg li l-Qorti tezamina c-cirkostanzi ta' kif jinhareg l-hekk imsejjah "Single Vehicle Authorisation" (SVA), li permezz tieghu jiddahhlu f'Malta vetturi uzati. Dawn huma regolati b'Avviz Legali 476 tal-2004. Kif jixhed David Sutton:

"*Under these national Regulations, a used vehicle which is imported from a third country outside of the European Community and which has not been subject to European type approval (as it was intended for sale in a country outside of the European Union) must undergo a pre-registration inspection. This pre-registration inspection referred to as the 'Single Vehicle type-Approval (SVA) scheme' is carried out on behalf of the Maltese government by the Vehicle Certification Agency based in Nagoya, Japan. Each used M1 vehicle-type originating from a third outside the European Community is required, under Maltese Law, to be inspected by the Vehicle Certification Agency and issued with a SVA certificate certifying that the M1 vehicle has been designed and constructed to safety and environmental standards in key areas, as stipulated by the Maltese government.*

*The Malta SVA scheme is largely based on the system in place in another EU Member State, the UK. The UK enhanced SVA is applied by the UK government to all used M1 vehicles originating from third countries outside of the European Community. The main difference between the UK SVA scheme and the Malta SVA scheme is that the Malta SVA scheme is specifically applicable to mass produced cars, whereas the UK SVA scheme also covers low volume and amateur-built M1 vehicles. A comparison of the UK SVA scheme and the Maltese SVA scheme is being attached as Dok. DS1 for reference.*"

Il-Qorti terga' taghmel referenza ghad-dokument interpretattiv imsemmi aktar 'il fuq fejn intqal illi:

"*National type-approval and individual approval procedures for motor vehicles to be used or registered for the first time in the EU normally fall outside the scope of EC law.*"

Ma ngabet ebda raguni lil din il-Qorti, li l-proceduri addottati biex jigu registrati vetturi uzati jisthoqqilha c-censura tal-ligi kontemplata fl-Art. 469A (Vehicle Roadworthiness Test EO Directive 96/96/EC). Gie pruvat li r-registrazzjoni tal-vetturi uzati m'huwiex regolat bid-direttivi fuq imsemmija. Lanqas ma gie pruvat illi b'xi mod jaqa' taht wiehed mill-kazijiet kontemplati fl-imsemmi Art. 469A.

Dwar l-azzjoni mressqa a tenur tal-Art. 469A, din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawza "Borg vs Gvernatur tal-Bank Centrali ta' Malta" (Imh. J.R. Micallef, deciza fl-1 ta' Marzu 2004) irriteniet:

"*Illi llum huwa aċċettat li l-azzjoni għal stħarriġ ġudizzjarju msemmija fl-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta hija maħsuba biex tagħti rimedju lill-individwu dwar l-imġiba tal-awtorita' pubblika fil-konfront tiegħu. Is-setgħa li tingħata mill-imsemmi artikolu lil Qorti fil-kompetenza tagħha ċivili dwar għemil amministrattiv hija jew (a) dik li tistħarreġ is-siwi ta' dak l-għamil jew (b) li tiddikjarah ma jiswiex jew mingħajr ebda effett. Dan tista' tagħmlu meta l-għemil jikser il-Kostituzzjoni jew meta jkun sar lil hinn mis-setgħa ta' min wettqu (ultra vires). F'din l-aħħar ipoteżi, dan l-eċċess ta' setgħa jista' jirriżulta meta l-att isir minn awtorita' pubblika li ma tkunx awtorizzata twettqu, jew meta dik l-awtorita', għalkemm ikollha setgħa twettaq dak l-għamil, tkun naqset li tħares il-prinċipji ta' ġustizzja naturali jew ħtieġa proċedurali li tabilfors trid tħares qabel ma tasal għal dak l-għamil, jew jekk l-għamil jikkostitwixxi abbuż tas-setgħa ta' dik l-awtorita' billi jsir għal xi għan mhux xieraq jew fuq konsiderazzjoni irrilevanti, jew meta dak l-għamil imur b'kull mod ieħor li jkun kontra l-liġi. Bil-kelma "għamil", il-liġi tifhem ukoll ċaħda jew rifjut ta' talba li ssir minn persuna lil xi awtorita' pubblika.*"

Id-dettami tal-Art. 469A huma strettament delineati. Rikorrent jehtieglu jiddentifika r-raguni li ghaliha qed jitlob censura tal-azzjoni amministrattiva. Fil-kaz in ezami, ir-rikorrenti kkwotaw il-firxa kollha ta’ possibilitajiet kontemplati taht l-Art. 469A, izda ma identifikawx liema minnhom kienet ir-raguni ghall-ilment minnhom imressaq.

Issa, kif intqal aktar ‘il fuq f’din is-sentenza, din il-Qorti tqis li l-avviz legali mertu ta’ din il-kawza ma jzomm bl-ebda mod lill-awtoritajiet milli japprovaw l-importazzjoni ta’ vetturi uzati u, konsegwentement milli jipprovdi ragun ta’ kontroll fir-rigward. Is-sistema ta’ kontroll kif imhaddma mill-awtoritajiet, madanakollu, a tenur tad-Direttivi Ewropej 96/96/EC, ma taqa’ taht l-ebda Kap. tal-fuq imsemmi Art. 469A.

Jirrizulta lil din il-Qorti illi l-ligijiet vigenti fir-rigward ta’ importazzjoni ta’ vetturi jipprovdi ghal zewg sistemi paralleli – dawk tal-vetturi godda u dawk tal-vetturi uzati. Il-ligi timponi zewg “regimes” distinti ghalihom u l-awtoritajiet intimati qed ihaddmuhom, fil-fehma tal-Qorti, fil-parametri lilhom moghtija bil-ligi. Il-Qorti ma teskludi bl-ebda mod li r-rizultat jista’ jkun ta’ hsara kummercjali lir-rikorrenti imma l-Qorti dan, fil-kuntest, m’hijiex tenuta li tharsu hi.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi, tillibera lill-intimati Ministru ghall-Izvilupp Urban u Toroq u l-Ministru ghall-Kompetittivita’ u Komunikazzjoni mill-osservanza tal-gudizzju; u filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet l-ohra kollha ta’ natura preliminari, tilqa’ l-eccezzjonijiet fil-mertu tal-intimati l-ohra u tichad it-talbiet tar-rikorrenti ghaliex mhux pruvati.

Minhabba n-natura tal-kaz, kull parti tbati l-ispejjez taghha.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------